**30 ta' Settembru, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Joseph Filletti, B.A., LL.D.**

Lorenza Cauchi

*versus*

Carmelo Cilia *et*

## Eredità - Aċċettazzjoni - Rinunzja - Leġittima

*L-artiklu 891 (3) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li hemm aċċettazzjoni taċita meta l-eredi jagħmel atti li jissoponu neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità, liema atti ma kienx ikollu d-dritt li jagħmel jekk mhux fil-kwalità ta' eredi.*

*Il-Qorti jidhrilha li min jippromwovi azzjoni fejn ikun qed jitlob divizzjoni, likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' assi ereditarji jkun qed jagħmel dan bħala werriet għaliex lilu tkun tikkompeti l-azzjoni.*

*Fi kliem ieħor ma jistax il-werriet jirrinunzja għall-eredità wara li jkun ġià għamel attijiet qua eredi, bħalma fil-fatt għamlet l-attriċi meta ntentat l-azzjoni għad-divizzjoni u likwidazzjoni tal-wirt bħala eredi, imbagħad biddlet fehmitha u biddlet l-azzjoni tagħha b'oħra.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-konjugi Luigi Cilia u Maria Rosa Cilia, missier u omm l-attriċi ddisponew minn ġidhom *in forza* ta' testment *unica charta* tat-23 ta' Marzu, 1956, fl-atti tan-Nutar Nicola Said (Dok. A) u *in forza* tiegħu wara li ħallew diversi legati nnominaw lill-attriċi flimkien ma' ħutha Carmelo u Filippo Cilia eredi universali, f'waħda minn kull erba' parti kull wieħed ta' l-assi tagħhom u nnominaw ukoll lill-istess attriċi u ż-żewġ konvenuti Filippo u Carmelo aħwa Cilia, eredi wkoll fil-kwarta parti rimanenti soġġett għall-uzufrutt ta' l-imsemmija Suor Alfina

Cilia, oħthom għaż-żmien kollu li din tibqa' soru, bil-patt u kondizzjoni però illi jekk il-konvenuta Suor Alfina Cilia, oħthom, fi kwalunkwe żmien u għal kwalsiasi kawża u raġuni tiġi biex toħroġ minn soru hija jkollha d-dritt għall-proprjetà assoluta ta' l-imsemmija waħda mill-erba' parti ta' l-assi tat-testaturi, lilha mħollija b'uzufrutt;

U Peress li Luigi Cilia miet fl-4 ta' Diċembru, 1974 u billi bid-disposizzjonijiet testamentarji fuq imsemmija issa jidher u speċjalment waqt il-mori tal-kawża fl-ismijiet 'Lorenza Cauchi *vs* Filippo Cilia *et'* quddiem din il-Qorti, illi dawn jilledu d-drittijiet tal-leġittima mill-assi tal-missier Luigi Cilia li għandha d-dritt għaliha l-attriċi liema drittijiet ta' leġittima l-attriċi irriżervat favur tagħha, wara li għamlet id-debita rinunzja;

U peress illi l-attriċi trid li tiġi assenjata u llikwidata l-leġittima spettanti lilha mill-assi ta' missierha Luigi Cilia;

U peress li għal dan il-fini jrid jiġi llikwidat il-konsistenza ta' l-assi ereditarju kollu ta' l-istess Luigi Cilia kif jirriżulta waqt il-kawża;

Talbet li (1) jiġi għall-finijiet tal-leġittima llikwidat minn din il-Qorti l-assi ta' l-imsemmi mejjet Luigi Cilia konsistenti f'dak kollu li jkun irriżulta spettanti lilu; u (2) tiġi minn din il-Qorti llikwidata l-leġittima spettanti lill-attriċi skond il-liġi prevja li jsiru l-kollazzjonijiet li eventwalment ikunu neċessarji u dana permezz jekk hemm bżonn ta' periti li jiġu nnominati; (3) l-konvenuti jiġu kkundannati minn din il-Qorti jassenjaw lill-attriċi l-istess leġittima *in natura* hekk illikwidata bill-frutti skond il-liġi għas-saldo tad-drittijiet tagħha ta' l-assi ta' Luigi Cilia; (4) jiġi nnominat minn din il-Qorti Nutar biex jirċievi l-att

opportun u nnominati kuraturi biex jirrapreżentaw il-konumaċi;

Bl-ispejjeż konpriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Settembru, 1981, kontra l-konvenuti;

Rat in-nnota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċipew *in linea* preliminari l-*litis pendetia* billi l-attriċi diġà istitwiet proċeduri fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra diversament ippresjeduta (Cit. Nru. 359/76 CS); illi t-talba attriċi, stante li da parti tagħha kien hemm diġà aċċettazzjoni ta' l-eredità, hi inkonċiljabbli mat-talba l-oħra li għamlet l-istess attriċi għal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni ta' sehemha mill-wirt tal-ġenituri; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat id-dokumenti esibiti u fost dawn in-nota ta' rinunzja da parti ta' l-attriċi għall-wirt ta' missierha Luigi Cilia;

Rat in-noti sottomessi mid-difensuri tal-partijiet;

Semgħet lix-xhieda prodotta;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Ittrattata l-kawża;

Ikkunsidrat illi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-*litis pendentia*, l-attriċi, bin-nota ta' ċessjoni li għamlet fil-kawża l-oħra (Cit. Nru. 359/76 CS), l-attriċi ġiet li llum hija issanat il-possizzjoni tagħha. Di fatti fit-tieni paragrafu tan-nota tal-konvenuti (ara fol.

26) hemm hekk, ' haġa naturali l-kwistjoni tal-*litis pendentia* ma jibqagħla l-ebda validità u qed tiġi għalhekk irrinunzjata';

Niġu għalhekk għat-tieni eċċezzjoni li wkoll hi waħda ta' natura legali u prelininari, jiġifieri li *una volta* kien hemm diġà da parti ta' l-attriċi aċċettazzjoni ta' l-eredità ta' missierha din ma setgħetx sussegwentement tirrinunzja għal din l-eredità gjà aċċettata u invece titlob il-leġittima. Il-konvenuti jisħqu fuq il-massima legali li '*electa una via non datur recursus ad alteram*';

L-attriċi tissottometti illi qabel xejn hija għamlet rinunzja formali fl-atti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili u rriżervat favur tagħha l-leġittima skond il-liġi. Skond l-attriċi, meta hija istitwiet il-kawża l-oħra, jiġifieri dik tal-*petitio hereditatis*, ir-rikonixximent tal-kwalità ta' eredi fl-attriċi kienet tiġi bis- saħħa tas-sentenza. *Una volta* din is-sentenza ma ngħatatx, anzi kien hemm rinunzja, allura ma jistax jingħad li hemm l-effett ta' dik is-sentenza li jirrikonoxxi lilha bħala eredi. Sakemm ma hemmx dan ir-rikonixximent hemm biss is-sejħa, il-kjamata għall-eredità li wieħed huwa padrun li jirrinunzja;

Fost il-ġurisprudenza attiljanti għall-każ ċitata mill-konvenuti nsibu lil **Ellul *vs* Coleiro** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April, 1959 fejn ġie ritenut:

'huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħha l-aktar riċenti illi, biex jitlob il-likwidazzjoni ta' wirt li hija preordinata għad-divizjoni, huwa meħtieġ li l-attur ikun werriet jew għall-anqas liġittimarju, u għalhekk min ikun għadu ma ddeliberax jekk aċċettax jew le l-eredità, jew minflok jieħu l-leġittima **ma jistax jippromwovi kawża għal-likwidazzjoni tal-wirt** billi ma

jkunx għadu jista' jiġi kkonsiderat la bħala werriet u l-anqas bħala leġittimarju. Kwantu mbagħad għal leġittimarju, dan ma jistax jippromwovi l-kawża qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt b'mod espress kif trid il-liġi';

L-attriċi filwaqt li tirrikonoxxi li l-kawża suriferita tmur kontra t-teżi tagħha tissottometti li, a parti li issa seħħet ir-rinunzja, hemm ukoll ġurisprudenza aktar reċenti li ma kinitx daqstant formalista. Hija ċċitat id-deċizjoni in re: **R. Ferro Montalto** ***vs*** **C. Vella Bonavita** ***et*** deċiża fid-29 ta' Mejju, 1967 fejn il-Qorti ammettiet lill-attur li javvanza talba għal-leġittima saħansitra anke **wara** li kien għamel il-kuntratt tad-divizjoni tal-għamara. Il-punt forsi l-aktar importanti ta' din id-deċizjoni huwa dak *illi l-aċċettazzjoni trid tkun neċessarjament* tippresupponi l-**intenzjoni** li wieħed jaċċetta l-kwalità tiegħu ta' eredi. Fuq din l-aħħar norma l-kontendenti huma konkordi iżda ma jaqblux imbagħad dwar l-interpretazzjoni tagħha riferibilment għall-proċeduri legali istitwiti mill-attriċi kif ukoll minn fatt ieħor fejn l-attriċi inkassat somma flus mill-wirt;

*Di diritto* għandu jingħad li l-artiklu 891(3) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li hemm aċċettazzjoni taċita meta l-eredi jagħmel atti li jissupponu neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità, liema atti ma kienx ikollu d-dritt li jagħmel jekk mhux fil-kwalità ta' eredi;

Fuq deċizjoni in re: '**Amadeo Mea** ***et vs*** **Albert Borg** ***et*** tat-28 ta' Ġunju, 1952 (Prim'Awla Ċivili) intqal li biex tirrikorri din l-aċċettazzjoni, jeħtieġ:

(a) li jkun hemm suċċessibbili;
(b) li dana s-suċċessibbili jkollu l-intenzjoni li jaċċetta

l-eredità;

(ċ) li huwa jagħmel xi att li jista' jagħmel biss bħala werriet; u

(d) li minn dan l-att tidher neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-wirt;

Fost dawn ir-rekwiżiti l-aqwa waħda hija l-intenzjoni. Igħid ir-Ricci, '*si ha riguardo piu' alla volontà dalla quale l'atto procede, che all'atto stesso materialmente considerato'* (ara *Diritto Civile* Vol. 14 paragrafu 35) in re: **Azzopardi *vs* Mallia** (Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Novembru, 1916) ġie insenjat inoltre:

*'che l'atto da cui voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente, la volontà di accettare';*

Bħala fatti tal-każ għandu jingħad li l-kawża *in dezamine* ġiet ippreżentata mill-attriċi fit-8 ta' Frar, 1982. Issa l-kawża l-oħra (Cit. Nru. 359/76) imsemmija mill-konvenuti ġiet ippreżentata mill-istess attriċi fis-26 ta' Marzu, 1976 (ara fol. 28 *et seq*) u ma hemmx dubju - kif jidher mill-premessi u mit-talbiet attriċi f'dik il-kawża - li l-intenzjoni ta' l-attriċi kienet li taġixxi *qua* eredi. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li min jippromwovi azzjoni fejn ikun qed jitlob divizjoni, likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' assi ereditarji jkun qed jagħmel dan bħala werriet għaliex lilu tkun tikkompeti l-azzjoni (cf. **Zahra *utrinque*** Vol. 31-1-paġna 63). Fi kliem ieħor, ma jistax il-werriet jirrinunzja għall-eredità wara li jkun ġjà għamel attijiet *qua* eredi, bħalma fil-fatt għamlet l-attriċi meta intentat l-azzjoni għad-divizjoni u likwidazzjoni tal-wirt bħala eredi, **imbagħad biddlet fehmitha** u biddlet l-azzjoni tagħha b'oħra. Għandu jingħad li n-nota ta' ċessjoni ppreżentata mill-attriċi fil-kawża

l-oħra fl-ismijiet **L. Cauchi** *vs* **Filippo Cilia** *et* saret fil-15 ta' Novembru, 1982 - u cjoè diversi xhur wara li kienet intavolat din il-kawża *in dezamina*. Dik il-kawża pendenti quddiem il-Qorti, diversament ipprejeduta, illum tinsab *Sine Die* (ara verbal tat-23 Marzu, 1984 - fol. 44);

Barra min dan però tirriżulta ċirkostanza oħra li timmilita kontra t-teżi attriċi. Fis-seduta tal-15 ta' Frar, 1985 l-attriċi xehdet li l-flus li kien hemm f'isem il-ġenituri tagħha bħala 'bonds' hija 'hadithom'. L-attriċi tallega li dan għamlitu ' għax is-Sur Zammit tad-*Defence Bonds* kien qalli li jekk ma nehodhomx kien se jaqtagħni barra'. Is-Sur Zammit ma ġiex prodott b'xhud. In kontro-eżami, l-attriċi ikkonfermat li l-iżbank sar wara li l-kawża l-oħra kienet digà istitwita, fil-fatt hija ssemmi s-sena 1979. Imbagħad hi kompliet tgħid li wara li hija wriet ċerta riluttanza biex tiffirma hija ħadet parir mingħand il-konsulent legali tagħha u skond hi, dan qalilha 'li għal din il-ħaġa żgħira stajt niffirma, u li b'din il-firma ma nista' niġi f'xejn'. Issa l-Qorti ma tistax tifhem x'kienet il-preokkupazzjoni tagħha dak in-nhar meta fil-fatt ir-rinuzja tagħha u ċ-ċessjoni saru ċirka tliet snin wara. L-attriċi tiċċita l-kawża **Callus** *vs* **Azzopardi** (Vol. XXVII-1-791) li tgħid li l-ġurisprudenza hija f'dawn il-każijiet indulġenti favur is-suċċessibbili u tiċċita f'dan is-sens lil Laurent (ara Diritto *Civile* Vol. IX paġna 353). B'danakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi anki f'dan il-każ l-aġir ta' l-attriċi kien wieħed inekwivoku. Akkoppjat dan il-fatt ma' l-intavolar ta' l-ewwel kawża ċċitata supra, l-inferenza bilfors hija waħda, dik jiġifieri illi l-attriċi kienet qiegħda twettaq ir-rieda li taċċetta l-eredità;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi billi, għar-raġunijiet suesposti, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ssollevata mill-konvenuti u

għalhekk tirrespinġi t-talbiet attriċi kif dedotti f'din l-istanza għas-spejjez tagħha, kompriżi dawk tal-konvenuti.